MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

**STQARRIJA GĦALL-MIDJA**

# BOV iħallas kumpens lill-investituri li ma kienux eliġibbli għal La Valette Multi Manager Property Fund

Fi stqarrija li kienet ħarġet fl-4 ta' Ġunju, 2012, l-Awtoritá għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta spjegat il-miżuri li kienet ħadet b'konnessjoni mal-bejgħ tal-La Valette Multi Manager Property Fund mill-Bank of Valletta (BOV). Minbarra l-impożizzjoni ta' multa fuq il-BOV, l-MFSA kellha taħtar kumpanija ndipendenti ta' servizzi professjonali biex tirrevedi l-fajls kollha tal-klijenti tal-BOV. Ir-reviżjoni tal-fajls tlestiet ftit qabel il-Milied 2012 u, wara s-sottommissjoni tar-Rapport minn Mazars fil-21 ta' Diċembru 2012, saret rikonċiljazzjoni tad-dokumentazzjoni.

Il-lista finali ta' klijenti li għandhom dritt għall-kumpens skont id-Direttiva maħruġa fl-4 ta' Ġunju, 2012, tlestiet. Il-maġġoranza tal-klijenti li għandhom dritt għall-kumpens irċevew kreditu dirett fil-kont tagħhom, u oħrajn għandhom jirċievu ċekk fi żmien qasir. Il-BOV kiteb lill-klijenti kollha sabiex jinfurmahom bid-deċiżjoni li hemm fir-Rapport ta' Mazars.

L-MFSA qed tippubblika wkoll ir-rapport imħejji minn Mazars, li jispjega l-metodoloġija li ntużat, il-konklużjonijiet u n-numru ta' klijenti tal-BOV li kellhom dritt għal kumpens. Dawn l-investituri issa se jkunu effettivament irċevew € 1.00 għal kull sehem li kienu nvestew.

L-MFSA aġġornat ukoll id-dokument li hemm fuq is-sit tagħha, b'mistoqsijiet u tweġibiet, li jwieġeb għal ħafna mill-mistoqsijiet li tqajjmu minn konsumaturi matul l-investigazzjoni.

**Communications Unit**
**Awtoritá Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**22 ta' Jannar, 2013**
**Ref: MFSA MR 03/2013**